MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 1323/1981/1

Joanne Cassar
vs
Joseph St. John

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha eccepixxa:

1. Billi fil-ahhar tas-sena 1979, waqt li l-attrici kienet ‘Dinner Dance’ fil-Bancinu, Il-Pjazzetta, Tower Road, Tas-Sliema inqala’ incident li fih il-konvenut hebb ghall-attrici, laqatha f’ghajnejha u ikkagunalha ferita ta’ natura gravi u permanenti kif irrizulta fic-certifikat rilaxxat mit-tabib Mario Tabone, li kopja fotostatika tieghu giet annessa mac-citazzjoni u immarkata Dok. A.;

2. Billi b'rizultat ta' dan l-incident li ghalih hu unikament responsabbli l-konvenut l-attrici sofriet danni kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. L-attrici talbet lill-Qorti (1) tiddikjarah lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, (2) tilllikwida d-danni sofferti mill-attrici b'rizultat ta' l-istess incident u (3) tikkundanna lll-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjes komprizi, dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l- 20 ta' Dicembru, 1980 u tat- 28 ta' Dicembru, 1981, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph St. John li bih eccepixxa:

Illi ma kienx huwa l-htija tad-danni li l-attrici qed tallega li sofriet u sussidjarjament kien John Cassar, missier l-attrici li ikkaguna l-incident, u dan ghandu jigi kjamat fil-kawza.

Illi l-kawza saret qabel ma ghadda t-terminu ta' jumejn min-notifika ta' l-ittra ufficjali u ghalhekk l-ispejjes fi kwalunkwe kas ghandhom jibqghu ghall-attrici.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

## C. PROVI:

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Mejju 1982 li permezz tieghu Dr. Joseph Micallef Stafrace gie nominat bhala perit legali.

Rat li fis-7 ta’ Marzu 1984 Dr. Joseph Micallef Stafrace gie sostitwit b’Dr. Tonio Borg.

Rat id-digriet tat-28 ta’ April 1995 li permezz tieghu gie nominat Dr. Marco Grixti bhala perit legali flok Dr. Tonio Borg.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Mejju 1998 li permezz tieghu Dr. Edwina Grima, illum Magistrat, giet nominata bhala perit legali flok Dr. Marco Grixti.

Illi din il-Qorti kif presjeduta wasal il-process quddiemha fil-5 ta’ Frar 2003, u fil-11 ta’ Mejju 2005 wara li Dr. Grima kienet talbet li tigi sostitwita, din il-Qorti innominat lil Dr. Philip Manduca bhala perit legali.

Rat id-digriet tas-7 ta’ Marzu 2007 li fih il-Qorti innominat lil Dr. Mario Tabone bhala espert oftalmologu, izda wara talba ta’ Dr. Mario Tabone stess biex jigi sostitwit, il-Qorti issostitwietu b’Dr. Dennis Mallia.

Rat ir-rapport ta’ Dr Denis Mallia li fih issemma:
‘Illi b’digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Marzu, 2007, l-esponent gie nominat sabiex jezamina u jirrelata dwar Joanne Cassar I.D. Nru. 481158M.

Illi huwa ezamina lill-imsemmija fit-2 ta' Ottubru 2007, fil-klinika tieghu: 'Precision Optical’ Piazza San Pawl, Rabat.

Is-Sinjura Cassar kienet sofriet daqqa fuq l-ghajn ix-xellugija fil-31 ta' Dicembru 1979 illi ikkawzat ksur fil-qiegh tal-hofra ta' l-ghajn. *(blow-out fracture of the floor of the left orbit).* Hija bdiet tara doppju specjalment meta thares ’il fuq *(Vertical diplopia) u gi*et operata biex jigi liberat il-muskolu t'isfel ta' l-ghajn *(muscle release from orbital floor)* tliet xhur wara l-incident fl-Ingilterra. Hija pero' ghada sal-lum tbati minn din il-problema.

L-ezami wera vista ta' 20/30 f' kull ghajn. Ma kien hemm l-ebda problema strutturali ohra jew gewwa ta' l-ghajnejn jew restrizzjoni tal-kamp viziv *(visual field).*

Madankollu, gie nnutat illi l-ghajn ix-xellugija kienet thares 'l isfel fil-puzizzjoni primarja, u ma timxix 'il fuq mal-ghajn il-leminija. Ghalhekk gie ordnat ezami *(Hess Test)* li jikkwantifika din il-problema u dan sar fil-15 ta' Ottubru 2007 (Dokument A). Dan l-ezami wera diskrepanza fid-direzzjoni vertikali taz-zewg ghajnejn ta' aktar minn 25 grad fil-pozizzjoni primarja. Indika wkoll illi d-direzzjoni vertikali taz-zewg ghajnejn tikkorispondi biss meta hija thares 15-il grad 'l isfel. Minhabba f'hekk is-Sinjura Cassar tikkumpensa billi dejjem izzom rasha mghollija ftit 'il fuq sabiex ma tarax doppju. Hija ma tistax thares 'il fuq minghajr ma tara doppju.

Din id-dizabilita` hija ikkakulata skond in-normi stabbiliti li peress li taqa' fl-20 grad centrali tal-vista, tikkostitwixxi nuqqas ta' 100% tas-sistema motorja ta' l-ghajn. Din imbghad tigi ikkalkolata li tammonta ghal 25% ta' dizabilita` tas-sistema viziva kollha u ghalhekk 24% ta' dizabilita` tal-persuna totali.'

Rat ir-rapport ta' Dr. Philip Manduca li fih ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet:
'4. Konsiderazzjonijiet:
Illi huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta versjonijiet illi l-Qorti tigi gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha*:*

1. li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg versjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra u
2. fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "*actore non probante reus absolvitur*" Ara **Fogg vs Thuema**, Appell Sede Inferjuri 22/11/2001.

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal--kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u

verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax-dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol. L p.11 P. 440) (ara wkoll **Xuereb vs Gauci**, Appell Inf. 24/3/2004).

Fil-kawzi **Rausi vs Muscat**, Appell 22/11/1995 u **Lenicher vs Camilleri**, PA 31/5/1972 intqal li fejn hemm zewg versjonijiet possibbli, il-Qorti ghandha tichad it-talba skond il-principju "*actore non probante reus absolvitur*".

Fil-kawza **Mifsud vs Micallef** (Appell Inferjuri 1/7/1997 intqal: 'Jekk l-ewwel Qorti tassew baqghet mhux konvinta, la naha u lanqas ohra, allura legalment kienet korretta li tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha u dan fuq l-iskorta tal-principju "*actore non probabante reus absolvitur*".

Fil-kawza **Caruana vs Laurenti**, PA 8 ta' April 1994 intqal: "Kif gie ritenut mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi, liema sentenzi huma wkoll konfermati mill-Qorti ta' l-Appell, illi f'materja civili, il-prova li jehtieg li ssir hija dik ta' certezza morali f'mohh il-gudikant ibbazata fuq kif probabbilment graw l-affarjiet. Dina c-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti provati bi provi espressi, u fuq l-inferenza li naturalment u probabbilment jemergu minn dawn il-fatti."

Ma hemmx kontestazzjoni li l-partijiet kienu fost diversi nies li attendew ghal ikla fil-Bancinu Restaurant tas-Sliema fl-ahhar gurnata tas-sena 1979. Mhux kontestat li kien hemm hafna suttar ta' diversi oggetti — napkins, hobz ....... u li f'mument minnhom missier l-attrici li kien mdejjaq bis-suttar waddab tazza li inkiser wara l-mejda fejn kien qed ipoggi l-konvenut fost ohrajn. Il-konvenut imbaghad resaq b'rabja lejn missier l-attrici li b'xi mod waqa' fl-art. F'dan il-hin omm l-attrici u l-attrici kienu hdejn (jew marru hdejn) il-konvenut. Il-konvenut jghid li huma attakkaw lilu filwaqt li l-attrici tghid li qalghet daqqa ta' ponn minghand il-konvenut. Ix-xhieda indipendenti presenti kienu evazivi u ma tantx kienu ta' ghajnuna ghal min irid jistabilixxi ezattament x'gara.

Missier l-attrici qal li l-konvenut habat ghall-attrici u martu. Omm l-attrici qalet: “sadanittant il-konvenut baqa’ jxejjer bl-addocc bi-ponn u f’hin minnhom laqat deliberatament lil Joanne”.

L-attrici tikkonferma li l-konvenut “fajrilha daqqa ta’ ponn fuq ghajnejha”

Il-konvenut qal li l-attrici ggranfat mieghu, hu warrabha u fil-”kollutazzjoni ntlaqtet f’ghajnejha”. Il-konvenut qal: “Jien bdejt niddefendi ruhi u nipprova nimbotta lura lil dawn it-tnejn minn nies. Nammetti li kien hem hafna tixjir ta’ l-idejn f’dan il-waqt fuqi, inkluz tieghi li bdejt niddefendi u nilqa’ kif stajt”.

Mart il-konvenut qalet “Rajt hafna tixjir ta’ l-idejn (ta’ zewg nisa) jaqbdu ma’ idejn zewgi. Fil-fatt zewgi kellu jdejh migrufin. Wara ftit ikkalma kollox”.

L-esponent huwa konvint li l-konvenut resaq lejn missier l-attrici b’rabja u li wara li missier l-attrici waqa’ (jew gie mbuttat) fl-art, l-attrici u ommha resqu lejn il-konvenut. Illi f’dak il-hin kien hemm glieda bejniethom u f’din il-glieda wegghet l-attrici.

Illi l-konvenut ma kellux ghalfejn jirrabja mal-attrici, kien jaf li missier l-attrici tefa’ t-tazza u mhux hi.

L-artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi:
“Every person … shall be liable for the damage which occurs through his fault”

L-artikolu 1032 (1):
“A person shall be deemed to be in fault if, in his own acts, he does not use the prudence, diligence and attention of a *bonus pater familias*”.

Issa meta l-konvenut resaq lejn missier l-attrici ma kienx qed ikun prudenti ghaliex jekk bniedem jidhol fi glieda jaf li xi hadd jista jwegga’. L-attrici tghid li hu ta daqqa ta’ ponn lilha. Il-konvenut jichad dan.

Fil-Kawza **Attard vs Attard** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-20 ta’ Gunju 1984 gie dikjarat:
“gie ritenut li d-danni sofferti fi glieda ghandu jirrispondi ghalihom min kien il-provokatur taghha (ara ukoll Vol. XXXVI. 11.467).

Fil-kawza **Gauci vs Gauci** (30/11/1956, Qorti ta’ l-Appell) gie ritenut:
“minn jikkaguna danni fi glieda ma jistax jinvoka, b’menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni ... jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess jew jekk il-fatti juri li hu kien qieghed jagixxi minhabba xi risentiment li kellu minn qabel versu l-parti ohra. U kieku stess min ikkaguna d-danni ikkagunahom waqt li kien qieghed jirreagixxi, l-iskuzanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tieghu ma kenitx proporzjonata”.

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone** (Appell Kriminali 26/8/1998) gie dikjarat:
“provokazzjoni trid tkun talli li f’nies ta’ temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta’ temperament ordinarju.”

Illi fil-kawza **Debono vs Buttigieg** (PA 26/6/1952) gie kkonsidrat hekk: “kien il-konvenut bl-atteggjament tieghu insolenti u aggressiv, li pprovoka l-glieda li fiha l-attur sofra lezjoni. Irrizulta infatti li kien il-konvenut li mar isib lill-attur, li ripetutament ghajru li ma kienx ragel, u resaq lejh izzejjed b’atteggjament minaccjuz. Jekk l-attur, biex jevita minnu, imbuttah u waqa’, dana l-fatt ma hux bizzejjed biex jirriversa r-responsabilita` ta’ dak li gara fuq l-attur; ghaliex ladarba kien il-konvenut il-provokatur, il-konvenut biss ghandu jbati l-konsegwenzi, in forza tal-principju “*qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnum sentire*”.

Issa f’dan il-kaz kien missier l-attrici u mhux l-attrici li tefa’ t-tazza. Il-konvenut kien jaf b’dan il-fatt. Il-konvenut, wahdu minn fost dawk fuq l-mejda in kwistjoni resaq lejn missier l-attrici b’mod aggressiv. Huwa veru li kien hemm

iehor li donnu ried jersaq lejn missier l-attrici izda gie mwaqqaf. L-esponent irid jiddeciedi jekk b'dan il-mod il-konvenut sar dak li ipprovoka l-glieda. U jekk il-konvenut ipprovoka l-glieda kienx b'xi mod qieghed jirreagixxi ghal provokazzjoni u jekk kien qieghed jirreagixxi ghal provokazzjoni jekk l-azzjoni tieghu kienet proporzjonata.

Missier l-attrici tefa' t-tazza b'reazzjoni (sproporzjonata) ghal hafna suttar li kien qed isir mid-direzzjoni tal-mejda fejn kien hemm mill-konvenut fost ohrajn. Allura wiehed jista' jargumenta li missier l-attrici gie provokat ukoll.

Illi l-esponent jikkonkludi kif gej:

Min-nies kollha fuq il-mejda kien il-konvenut biss li mar b'mod aggressiv ghal missier l-attrici. Illi ghalhekk il-konvenut sar il-provokatur tal-glieda. Il-konvenut mhux kredibli meta jallega li missier l-attrici waqa wahdu. L-attrici ma kenitx il-persuna li waddbet it-tazza u l-konvenut ma jistax jghid li kienet hi li pprovokat l-incident.

Anki jekk il-konvenut kien qieghed jirreagixxi, ghax l-attrici u ommha ppruvaw jiddefendu lil missier l-attrici, ir-reazzjoni tieghu ma kienetx proporzjonata ghax bniedem prudenti ma jaghtix daqqa f'ghajn persuna hafna izghar (fis-statura) minnu (anki meta ikun hemm hafna tixjir ta' idejn).

Missier l-attrici qal li "Ghandi nghid illi l-konvenut habat ghal marti u binti, li mhux laqathom waqt li pprova jaghti lili.''

Omm l-attrici qalet" 'Fil-pront il-konvenut hebb ghalija u laqatni sbrixx tant li dawwarli n-nuccali sadanittant il-konvenut baqa' jxejjer bl-addocc, bil-ponn u f'hin minnhom, laqat diliberatament lil Joanne, taht ghajnejha tax-xellug."

Ghaldaqstant l-esponent jissottometti li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u ghandu jhallas id-danni sofferti mill-attirici.

Likwidazzjoni tad-danni

*Damnum Emergens*

Illi bhala danni l-attrici esebiet prospett fejn talbet l-ammont ta' Lm2675.81 u GBP1569.85 in konnessjoni ma' spejjes li kellha biex ghat tobba u biex tmur l-Ingliterra biex tara tobba in konnessjoni mal-incident. Fost dawn l-ispejjes hemm Lm354 lill-Avukat taghha u Lm114.22 u Lm10 u Lm30 lil tabib nominat mill-Qorti. Dawn l-ispejjes ma jistghux jigu kkunsidrati f'dan il-waqt.

Ghalhekk bhala *damnum emergens* hemm Lm2675.81 - (Lm354 +114.22 +10 + 30) = Lm2167.59. Ekwivalenti ghal Euro 5049.13.

GBP1569.85 huwa ekwivalenti ghal Euro: 1983.39

Total Euro7032.52

*Lucrum Cessans*

L-attrici tghid ukoll li bhala Salarju Gross ghandha Lm11908 fis-sena, Lm1667.12 bhala "*performance bonus*" u Consutancy Retainer ta' Lm200 fix-xahar.

Illi dwar il-hajja lavorativa produttiva l-esponent jaghmel riferenza ghal kalkoli li saru fil-gurisprudenza recenti PA JMB **Camilleri vs. Borg** 8/5/1990; App. Kum. **Bugeja vs. Agius** 26.7.1991; PA FGC **Mallia vs. Camilleri** 15.1.1993; App. Kum **Galea vs. Balzan** 26.2.1993; PA JSP **Zimelli vs. Sammut** 15.6.1993; PA JSP **Caruana vs. Camilleri** 5.10.1993; App. Kum **Grech vs. Farrugia** 7.12.1994; App. Civ. **Abela vs. Prim Ministru** 30.12.1994; PA JSP Desira vs. Cassar 13.1. 1995 u **Turner vs. Agius** GCD 17. 2. 1998.

Illi skond ir-relazzjoni ta' Oftalmologu Dr. Denis Mallia l-attrici ghandha 24% dizabilita'.

L-attrici twieldet f'1958. Meta gara l-incident kellha 21 sena. Bhala *income* ghandha Lm11908, Lm1667.12 u

Lm2400 li jaghtu total ta' Lm15975.12. Illi jekk wiehed jiehu hajja lavorativa ta' 30 sena l-kalkolu jigi:

Lm15975.12 x 30 x 24% = Lm 115020.86.

Illi din l-kawza ilha pendenti izda l-konvenut ma ghandux tort ghal dewmien f'din il-kawza.

Illi ghalhekk l-esponent jikkonkludi li hemm lok ghal "*lump sum payment benefit*" ta' 20%. (ara **Micallef St. John vs. Richard Spiteri et** (Appell 15/1/2002).

Lm115020.86 x 20% = 23004.

Ghalhekk bhala *lucrum cessans* hemm Lm92016.86. ekwivalenti ghal Euro214341 .63.

Illi ghalhekk it-total dovut huwa ta' Euro214341.63 u Euro 7032.52 u cioe` Euro221374.15.

**D. KUNSIDERAZJONIJIET:**

***D1. Responsabbilta` ta' l-incident :***

Irrizulta li fl-ahhar tas-sena 1979 l-attrici kienet flimkien mal-genituri taghha li kienu attendew *dinner dance* gewwa tas-Sliema; huma kienu posizzjonati fuq mejda li kienet vicin il-hajt u ghalhekk wara l-mejda taghhom ma kienx hemm imwejjed ohra kif jidher mill-iskizz immarkat Dok P1. Beda l-issuttar li kif sostna John Cassar il-mejda taghhom kienet saret caflisa wahda bl-oggetti fl-ikel li kienu qed jieklu u fl-inbid. Pauline mart John Cassar iddeskriviet li fid-direzzjoni taghhom il-konvenut beda jissotta numru ta' oggetti inkluz hobz mghaffeg, *paper serviettes*, u anki "mils" u sahansitra kellha tghatti b'idejja t-tazza sabiex ma jidhlux oggetti fiha. John Cassar kien anke mar bil-kelma t-tajba fuq il-mejda fejn kien qieghed il-konvenut sabiex jitlob lil shab il-konvenut issikktuh. F'hin minnhom John Cassar irritalja billi tefa tazza lura izda din ma laqghtet lil hadd. Il-konvenut mar fuq John Cassar u aggredieh. Intervenew it-tifla u l-mara ta' Cassar u l-konvenut beda jaghti bil-ponn u wahda minn dawn id-daqqiet ta' ponn spiccat fuq ghajn l-attrici li bid-daqqa

spiccat storduta u ttiehdet ghal kura medika. John Cassar sussegwentement mar jaghmel rapport lill-Pulizija dwar l-incident.

Ghalhekk jirrizulta li wara l-issuttar, u r-reazzjoni ta' John Cassar li waddab it-tazza, il-konvenut mar fuq John Cassar u aggredih, u li l-attrici bl-ebda mod ma kienet involuta fl-issuttar, lanqas bdiet il-glied, ippruvat tiddefendi lil missierha u spiccat b'daqqa liema bhala. Ma irrizultax li l-attrici b'xi mod ipprovokat dak li nqala'. Fil-fatt John Cassar jispjega li kien il-konvenut li qam ghalih u mar lejh bil-giri, u dan ikkorroboratu Pauline Cassar (a fol 139) fejn xehdet illi "rajt lill-konvenut jigri lejn ir-ragel tieghi li kien bil-qieghda u tah daqqa ta' ponn". Dan ikkonfermatu wkoll l-attrici fix-xhieda taghha a fol 144 fejn stqarret illi "rajt ragel iqum mill-mejda B, gej jigri fid-direzzjoni tal-mejda taghna. Wara irrizultali li dar-ragel kien il-konvenut. Waqaf hdejn il-papa` … il-papa` dak il-hin kien bil-qieghda kif kien bilqieghda kulhadd …il-konvenut beda jiggestikola u jaghti b'idejh b'mod goff hafna fid-direzzjoni tal-papa` … il-konvenut baqa' jaghti b'idejh".

Xhieda independenti wkoll ikkonfermaw li l-konvenut rawh hdejn il-mejda ta' John Cassar
Anthony Abela (a fol 155)
Joseph Scerri (a fol 157)
Albert Debono (a fol 159)
Supretendent Andew Seychell li semma li l-konvenut kien ammetta li kien avvicina lil John Cassar hu stess.

Fil-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Filippo Debono vs Nazzareno Buttigieg** (XXXVI.ii.467), inghad li d-danni sofferti fi glieda ghandu jirrispondi ghalihom min kien il-provokatur tal-glieda. Dan gie konfermat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard vs Emmanuel Attard** (20/06/1984).

Illi certament li l-atteggjament insolenti u mbaghad aggressiv tal-konvenut kienet il-kawza prossima li tat lok ghall-bidu ta' din il-glieda inutli. Il-Qorti tista' tifhem li wara li twaddbet it-tazza minn missier l-attrici il-konvenut mar

jilmenta, izda certament ma kienx gustifikat li jaqbad jaghti kemm jiflah inkluz bil-ponn fuq l-attrici. La l-konvenut ipproceda b'dak il-mod hu sar dak li ipprovoka l-glieda, u li certament din ma kinitx proporzjonata. Ukoll irid jitqies li d-daqqiet bil-ponn kienu fil-konfront ta' tfajla ta' 21 sena li kienet biss ir-ricevitur tad-daqqiet ta' ponn u ma kienet bl-ebda mod partecipi fil-glieda. Hi kienet biss qrib ta' missierha li kien fl-art jaqla' d-daqqiet minghand il-konvenut, u kien f'dak il-mument li hi qalghet danna ta' ponn b'sahhitha hafna minghand il-konvenut, liema daqqa ma kinitx kumbinazzjoni jew accidentalment izda deliberatament. Huwa veru li l-intimat kienu ghadu kif ra tazza imwaddba vicin tieghu, u dan il-fatt ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni mill-Qorti (kieku ma twaddbitx it-tazza probabilment qatt ma kien jigri dak li gara). Ir-responsabbilta` hija certament tal-konvenut izda fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ghandu jbati biss 75% (ara wkoll l-art 1051 tal-Kap 16) minhabba ta' kif graw il-fatti.

***D2. Lucrum cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta'qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat jkun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***D3. Multiplier :***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘multiplier’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘*multiplier*’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu

1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 21 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 33 ghall-kaz in ezami.

***D4. Paga u gholi tal-hajja:***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attrici li fil-kaz taghha gja hemm ikkonsidrat l-gholi tal-hajja mill-31 ta' Dicembru, 1979 sal-2007 meta esebiet ir-remunerazzjonijiet li ghandha inkluz dawk ta' natura mhux necessarjament permanenti. Skond id-dokumenti ezibiti l-attrici qed taqla' salarju *gross*

*average* ta' LM11908 mill-Universita` ta' Malta, *Performance Bonus* ta' 1667.12, u ghandha LM200 fix-xahar mill-*Heritage Malta* – Total ta' Lm15975.12 ossija €37212 fis-sena.

***D5. Dizabilita`:***

Konsegwenza ta' l-incident l-attrici sofriet minn *conscussion* u sussegwentement bdiet issofri minn *double vision*. L-attrici giet operata barra minn Malta u attendiet ghal terapija gewwa l-Ingilterra. Operazzjonijiet ohra ma kienux indikati u dana ghaliex id-difett li sofriet l-attrici ma setax jigi rrangat aktar milli kien. Dr Anthony Galea Debono a fol 153 spjega r-raguni tal-*concussion.* Spjega wkoll li kellha lesjoni okulari fuq in-naha tax-xellug li effettivament giet dijanjostikata bhala *"blow-out fracture"* tal-*floor* tal-*orbit*, li immanifestat ruhha f'doppja vista. Dr. Mario Tabone ikkonferma li d-daqqa sofferta mill-attrici kienet sintomatika ma' daqqa (a fol 181).

Illi skond ir-relazzjoni ta. l-Oftalmologu Dr. Dennis Mallia l-attrici qed issofri minn dizabilita` permanenti ta' 24%.

***D6. Lump Sum Payment:***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-

kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-espert ikkonkluda li ghalkemm il-kawza ila pendenti dan ma kienx tort tal-konvenut u ghalhekk applika xorta wahda l-*lump sum reduction.* Izda l-kuncett ghaliex hemm it-tnaqqis meta s-somma tithallas mill-ewwel mhux dipendenti mill-fatt li kawza tittawwal tort tal-konvenut (ghalkemm dan jista' jaffettwa marginalment) izda mill-fatt li l-vittma ser ikollha somma kollha f'daqqa mill-ewwel bil-konsegwenza tal-vantaggi ovvji ekonomici. Ghalhekk ma ghandux ikun hemm dan in-nuqqas suggerit mill-Perit Legali fil-kaz prezenti.

***D7. Kunsiderazzjonijiet ohra:***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***D8. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali tar-rikorrenti inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal €37212;

II. Irid jitqies ***multiplier*** ta' 33. Dan igib l-ammont ta' €12227996;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 24% u ghalhekk jammonta ghal €294719.04

***D9. Damnum emergens:***

Il-Qorti hawn taqbel kompletament ma' dak propost mill-Perit Legali li dwar *Damnum Emergens* l-ammont ghandu jkun ta' €7032.52 ghar-ragunijiet indikati fir-rapport. Ghalhekk dan l-ammont irid jizdied ma' l-ammont ta' *Lucrum Cessans* ta' €294719.04 li jwassal ghal total ta' danni ta' €301751.56.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 37212 |
| Multiplier | M | 33 |
| Lump sum payment | L | 0 |
| Dizabilita` | D | 24% |
| Damnum emergens | E | 7032.52 |
| | | |
| Ammont dovut | | 301751.56 |
| | | |

Peress li l-konvenut inghata 75% tar-responsabbilta` l-ammont finali dovut minnu jrid ikun ta' €226,313.67.

Din il-Qorti hi konxja ta' problema partikolari ghal din il-kawza. Infatti l-*work life expectancy* li giet allokata hija ta' 33 meta l-incident gara fl-1979, u b'hekk biex dawn jiddekorru fadal biss tliet snin u nofs u ghalhekk forsi l-Qorti qed tkun iebsa taht dan l-aspett. Min-naha l-ohra l-paga u *allowances* li qed jitqiesu bhala qligh tal-vittma m'humiex dawk ta' l-1979 izda ta' l-2007 u kien ghalhekk li l-Qorti ma qiesitx l-awment ta' l-gholi tal-hajja. Meta tqis dawn il-fatturi kollha thoss li jikkumpensaw lil xulxin u ghazlet li timxi fuq il-kuncetti tradizzjonali aktar milli tvarja minhabba t-tul kbir ta' zmien li iddekorra ghas-sentenza. Tirrileva wkoll li din il-kawza dehret quddiemha kif presjeduta l-ewwel darba fil-5 ta' Frar 2003.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut li ma kienx huwa l-htija tad-danni li l-attrici qed tallega li sofriet u sussidjarjament kien John Cassar, missier l-attrici li ikkaguna l-incident, u dan ghandu jigi kjamat fil-kawza, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident izda limitatament ghal 75%, u f'dan is-sens hija michuda.

Il-konvenut eccepixxa wkoll li l-kawza saret qabel ma ghadda t-terminu ta' jumejn min-notifika ta' l-ittra ufficjali u ghalhekk l-ispejjes fi kwalunkwe kas ghandhom jibqghu ghall-attrici. Din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqgha wara li ghaddew 30 sena u fiha l-konvenut qatt ma ghamel offerta ghal xi hlas u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

L-attrici talbet li li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi; kif inghad fuq il-Qorti tqisu responsabbli b'75% ;
L-attrici talbet ukoll li l-Qorti tilllikwida d-danni sofferti mill-attrici b'rizultat ta' l-istess incident u l-Qorti illikwidat l-ammont fis-somma ta' €226,313.67;
Fl-ahhar l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut biex ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata – u cioe` €226,313.67 liema talba qedgha tigi milqugha u l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha €226,313.67.

Bl-ispejjez ¾ ghall-konvenut u ¼ ghall-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------